**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 t'Awwissu, 2023**

**Kumpilazzjoni Numru: 25/2022 MLF**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**(Spettur Wayne Camilleri)**
**(Spettur Shaun Pawney)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Abner George Aquilina**

# DIGRIET

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-imputat Abner George Aquilina tal-15 ta' Marzu 2023, fejn gharragunijiet fih premessi talab lil din il-Qorti sabiex jew tordna li huwa jirritorna lura l-isptar Monte Carmeli ghal kura attrezzata jew alternattivament jigi trasferit go cella fi hdan il-habs ma' prigunieri li l-istat mentali taghhom hija normali, u dan stante li ma jhossx li hemm triq tan-nofs.

2. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali, fejn ghar-ragunijiet fiha premessi oggezzjona ghat-talba tal-imputat sabiex huwa jirritorna lura l-isptar Monte Carmeli ghal kura attrezzata u dan stante li huwa mizmum skont il-ligi fil-*Forensic Ward* fl-Isptar Monte Carmeli, fejn hemm ghad-disposizzjoni tieghu kwalunkwe kura li hija gusta u attrezzata ghalih. Fl-istess waqt l-Avukat Generali oggezzjona ukoll ghat-talba alternattiva tal-imputat, fejn talab li jigi trasferit go cella fi hdan il-habs ma’ prigunieri li l-istat mentali taghhom huwa normali, u dana ai termini tad-digriet moghti qabel minn din il-Qorti, datat 3 ta’ Gunju 2022, liema digriet kien jirrigwarda l-genn o meno tal-istess imputat.

3. Rat li l-partijiet offizi naqsu li jipprezentaw risposta fit-terminu lilhom preskritt, nonostante li l-avukati difensuri taghhom gew debitament komunikati bir-rikors in kwistjoni.

4. Semghet ix-xhieda in konnessjoni ma’ dan ir-rikors u rat id-dokumenti minnhom ezebiti fis-seduti tal-10 ta’ Mejju 2023 u tad-29 ta’ Mejju 2023.

5. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet fuq dan ir-rikors.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan ir-rikors huma s-segwenti:

(i) B’digriet tat-3 ta’ Gunju 2022 din il-Qorti kienet ordnat hekk:
*“In oltre ai termini tal-Artikolu 623(1) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti tordna li l-imputat jinzamm taht arrest fl-isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa’ taht kustodja u mizmum skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Sahha Mentali (Kap. 525 tal-Ligijiet ta’ Malta) jew kull disposizzjoni ohra tal-ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz.”*

(ii) Dan id-digriet inghata wara li fl-istess seduta tat-3 ta’ Gunju 2022, it-tlett esperti psikjatrici mahtura minn din il-Qorti instab li l-imputat kien mignun fiz-zmien tar-reati li bihom jinsab mixli.

(iii) B'rikors tal-3 t'Awwissu 2022, Stephenie Xuereb, il-Kap Ezekuttiv tal-isptar Monte Carmeli talbet lill-Qorti Kriminali sabiex l-imputat jintbaghat fis-Sezzjoni Forensika, u ma jibqax rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli. Dan ir-rikors gie intavolat fil-perjodu meta l-atti ta' din il-kumpilazzjoni kienu rinvijati ghand l-Avukat Generali, u allura l-Qorti kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni tar-rikors kienet il-Qorti Kriminali, u mhux din il-Qorti.

(iv) Dan ir-rikors gie notifikat biss lill-Avukat Generali, li ma oggezzjonax ghat-talba, u b'digriet tal-5 t'Awwissu 2022, il-Qorti Kriminali laqghet it-talba sabiex l-imputat jintbaghat fit-Taqsima Forensika, u ma jibqax detenut fl-Isptar Monte Carmeli.

(v) Ghaldaqstant, l-imputat bhalissa jinsab mizmum fit-Taqsima Forensika.

7. Fir-rikors odjern, l-imputat qed jitlob li jew jigi ordnat li jirritorna lura l-isptar Monte Carmeli, jew li jigi trasferit go cella fil-habs ma' prigunieri ohra, stante li t-trasferiment tieghu fit-Taqsima Forensika ma sarx skond il-ligi.

8. Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva li d-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2022 li ordna li l-imputat jinzamm taht arrest fl-Isptar Monte Carmeli inghata ai termini tal-Artikolu 402(4) tal-Kodici Kriminali, li fid-data tad-digriet in kwistjoni kien jippreskrivi li meta matul il-kumpilazzjoni, mir-rapport tal-periti psikjatrici jinsab li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat, il-Qorti ghandha tordna li l-atti jintbaghtu ghand l-Avukat Ġenerali u tagħti l-provvediment imsemmi fl-Artikolu 623 tal-Kodici Kriminali.[1] L-Artikolu 623(1) tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*"Meta, fuq l-allegazzjoni msemmija fl-artikolu 620(1), l-akkużat jiġi iddikjarat miġnun, il-qorti tordna li dan jinżamm taħt kustodja fl-Isptar Monti Carmeli biex hemmhekk jibqa' taħt kustodja u miżmum skont id-dispożizzjonijiet l-Att dwar is-Saħħa Mentali jew kull dispożizzjoni oħra ta' liġi jew leġislazzjoni applikabbli għall-każ, u dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw għall-akkużat skont dan."*

[1] B'emenda li saret bl-Att V tal-2022, dan l-Artikolu 402(4) gie emendat fis-sens li minflok il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali, il-Qorti ghandha *"tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għal kopja skenjata tal-atti tal-kompilazzjoni fiżmien tlett (3) ijiem tax-xogħol."* Din l-emenda ma taffettwax il-mertu ta' dan ir-rikors.

Id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Gunju 2022 jirrifletti fedelment dak preskritt f'dan l-Artikolu 623(1) tal-Kodici Kriminali.

9. Fir-rikors tieghu, l-imputat jibda' biex jaghmel riferenza ghal dak li jippreskrivi l-Artikolu 36(2) tal-Att dwar is-Sahha Mentali. Pero skond l-Artikolu 36(1) tal-istess Att, dan l-artikolu huwa applikabbli biss

*"Meta waqt li jkunu għaddejin proċedimenti dwar xi akkuża ta' reat kriminali titqanqal il-kwistjoni tal-kapaċità mentali tal-akkużat, sew jekk waqt ir-reat jew waqt il-proċedimenti, il-qorti għandha titlob għal opinjoni speċjalista indipendenti biex tgħinha tistabbilixxi jekk ikunx meħtieġ jew spedjenti li tordna li l-akkużat jiddaħħal ġewwa faċilità liċenzjata għal pazjenti forensiċi għal osservazzjoni, u tista' wkoll tagħti dawk l-ordnijiet l-oħra kollha li jkunu adatti."*

Ghalhekk, dan l-Artikolu 36 tal-Att dwar is-Sahha Mentali huwa applikabbli fil-mument li titqanqal il-kwistjoni tal-kapacita mentali tal-akkuzat, u l-Qorti tahtar esperti psikjatrici biex jassistuha dwar din il-kwistjoni. Ghalkemm din il-Qorti hija konxja – ghax temergi mix-xhieda tal-Psikjatra Dottor Joseph Saliba - li fid-data li fiha hija issollevat il-kwistjoni tal-genn *ex officio* u hatret l-esperti psikjatrici sabiex jezaminaw lill-imputat – u cioe fl-4 ta' Frar 2022 - l-imputat kien diga jinsab rikoverat fit-Taqsima Forensika, huwa ma kienx detenut hemm fuq ordni taghha, izda kif inghad kien diga intbaghat hemm xi granet qabel fuq ordni tal-Psikjatra Saliba, li huwa l-psikjatra tal-habs.

10. Effettivament f'dawn il-proceduri, din il-Qorti qatt ma ezercitat is-setghat taghha taht dan l-Artikolu 36, li tordna li l-imputat jinzamm *"ġewwa faċilità liċenzjata għal pazjenti forensiċi għal osservazzjoni"* pendenti l-ezitu tar-rapport tal-esperti psikjatrici. Ghaldaqstant, dan l-Artikolu 36 tal-Att dwar is-Sahha Mentali mhux applikabbli ghall-kaz odjern.

11. Kien biss wara li l-esperti psikjatrici ipprezentaw u halfu r-rapport taghhom, fejn sabu li l-imputat kien mignun fiz-zmien li gew kommessi r-reati *de quo*, li din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 402(4) tal-Kodici Kriminali, ordnat li l-imputat jinzamm taht arrest fl-Isptar Monte Carmeli, skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Sahha Mentali. Ghaldaqstant

huwa applikabbli l-Artikolu 37 tal-Att dwar is-Sahha Mentali – liema Artikolu gie wkoll citat mill-imputat. Dan l-Artikolu 37 jippreskrivi hekk:

*"Meta tingħata ordni minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali taħt l-artikolu 402(4), … … jew taħt l-artikolu 623 tal-Kodiċi Kriminali … …, wara li jirriżulta li l-akkużat kien miġnun fil-waqt tar-reat, sew jekk ikunx miġnun jew le fil-waqt tal-proċedimenti kriminali, jew jekk jinsab li jkun miġnun fil-waqt tal-proċedimenti, … … u jiġi ordnat li l-akkużat għandu jinżamm f'kustodja ġewwa faċilità liċenzjata għal pazjenti forensiċi, l-akkużat għandu jittieħed u jiġi detenut u jinżamm f'kustodja f'dik il-faċilità liċenzjata bis-saħħa tal-ordni tal-qorti u għandu jiġi ttrattat bħallikieku kien pazjent li jista' jinżamm fil-faċilità liċenzjata taħt it-Taqsima IV bla ħsara għal dawn ir-restrizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) m'għandha tapplika ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV li għandha x'taqsam mat-tul ta' żmien, tiġdid u skadenza ta' awtorità għad-detenzjoni ta' pazjenti, u l-pazjent jibqa' soġġett li jinżamm bis-saħħa tal-ordni tal-qorti sakemm jinħeles mill-qorti wara li tliet speċjalisti, li wieħed minnhom ikun l-ispeċjalista responsabbli, jippreżentaw rapport li l-persuna tkun tista' tiġi hekk meħlusa. Il-qorti tista' terġa' tibgħat lill-akkużat il-ħabs biex jitkomplew il-proċedimenti dwar ir-reat miġjub kontrih, bla ħsara li jiġu applikati wara dan id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li għandhom x'jaqsmu mal-għoti ta' libertà provviżorja; … …*

12. A bazi ta' dan l-Artikolu 37 tal-Att dwar is-Sahha Mentali, l-imputat jissottometti li huwa ma setghax jigi imnehhi mill-Isptar Monte Carmeli qabel ma jigiipprezentat rapport minn tlett specjalisti - li wiehed minnhom ikun l-ispecjalista responsabbli – liema rapport ghandu jkun fis-sens li l-imputat jista' jigi mehlus minn dan l-isptar. Huwa jissottometti li ghalkemm it-Taqsima Forensika hija estensjoni tal-isptar Monte Carmeli, pero m'humiex l-istess u l-ambjent ivarja immensament anke ghar-rigward ta' kura.

13. Min-naha l-ohra, l-Avukat Generali jirreferi ghal fatt li l-Artikolu 37 tal-Att dwar is-Sahha Mentali juza l-frazi *"facilita licenzjata"* ghad-detenzjoni ta' persuni li jkunu gew dikjarati fi stat ta' genn fil-waqt tar-reat jew fil-waqt tal-proceduri kriminali kontrihom. Huwa jissottometti li fil-fatt hija l-*Forensic Ward* fl-Isptar Monte Carmeli li hija din il-

*"facilita licenzjata"* imsemmija fl-Artikolu 37 *"hekk kif stipulata fl-Iskeda formanti parti mil-Legislazzjoni Sussidjara 260.02 li hija l-Ordni dwar Dikjarazzjoni ta' Postijiet bhala Habs."*

14. Din il-Qorti tikkonfessa li hija perplessa b'din is-sottomissjoni tal-Avukat Generali. Dan ghaliex id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Gunju 2022 jordna bl-iktar mod car – in linea ma' dak preskritt fl-Artikolu 623(1) tal-Kodici Kriminali – li l-imputat ghandu jinzamm taht arrest fl-Isptar Monte Carmeli, skond id-disposizzjoni tal-Att dwar is-Sahha Mentali u kull ligi ohra applikabbli. Meta l-Kodici Kriminali jesigi li imputat li, a bazi tal-opinjoni tal-esperti psikjatrici, jinsab li kien mignun fiz-zmien tar-reat - bhalma gara fil-kaz odjern - ghandu jinzamm fl-Isptar Monte Carmeli, ifisser ezattament dak li jghid, u cioe li l-imputat ghandu jinzamm l-isptar Monte Carmeli, u fl-ebda facilita tas-sahha mentali ohra, anke jekk tkun debitament licenzjata skond il-ligi. Effettivament il-Kodici Kriminali dejjem jirreferi ghal-Isptar Monte Carmeli u ghall-ebda facilita ohra licenzjata ghas-sahha mentali, u wisq inqas jaghmel riferenza ghat-Taqsima Forensika.

15. Konsegwentement, fil-kaz odjern din il-Qorti lanqas biss ghandha diskrezzjoni tordna fejn ghandu jinzamm detenut l-imputat – ladarba l-esperti psikjatrici ikkonkludew li l-imputat kien mignun, l-unika post fejn jista' legalment jigi detenut huwa l-Isptar Monte Carmeli, ai termini tal-Artikolu 402(4) u 623(1) tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tista' legalment tordna li l-imputat jintbaghat il-habs – u mhux it-Taqsima Forensika tal-habs – jekk ikollha r-rapport tat-tlett psikjatri, li wiehed minnhom irid ikun il-psikjatra kuranti tieghu, li jghidu li l-imputat jista' johrog mill-isptar, kif jesigi l-Artikolu 37 tal-Att dwar is-Sahha Mentali.

16. Fir-rikors taghha tat-3 ta'Awwissu 2022[2], Stephanie Xuereb, il-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli issottomettiet hekk:

*"L-Isptar Monte Carmeli m'huwiex facilita licenzjata ghal pazjenti forensici imma hija t-Taqsima Forensika li tiehu hsieb dawn il-pazjenti. It-Taqsima Forensika jew kif inhi maghrufa l-Unita Forensika, ghalkemm hija accessibli mill-Isptar Monte Carmeli u toffri*

[2] A fol. 240 Volum 1 tal-atti.

*servizz ta' kura ta' sahha mentali, hija awtonoma mill-Isptar. Illi l-Isptar Monte Carmeli m'ghandux il-fakulta li jzomm persuni taht arrest … …"*

17. Mix-xhieda tal-Prof. Charmaine Gauci[3] irrizulta li sas-sena 2018 l-isptar Monte Carmeli kellu licenzja biex izomm pazjenti forensici nisa u rgiel, izda mis-sena 2019, l-isptar Monte Carmeli m'ghadx ghandu licenzja biex izomm pazjenti forensici, u minflok inghatat licenzja separata bhala facilita ghas-sahha mentali, lit-Taqsima Forensika (Sezzjoni Maskili). Sas-sena 2018 u fis-snin precedenti 2017 u 2016 tal-inqas, wahda mill-kondizzjonijiet fil-licenzja tal-isptar Monte Carmeli kienet illi *"Only the following wards can accept Forensic patients: Male and Female Forensic"*. Din il-kondizzjoni tnehhiet fil-licenzja tas-sena 2019 u baqghet imnehhija f'kull tigdid tal-licenzja sussegwenti.[4]

18. Pero, hu principju ben assodat fil-kazistika tal-Qrati taghna li ligi sussidjarja ma tistax tkun konfliggenti mal-ligi principali. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Pace** deciza fil-15 ta' Mejju 1937, il-Qorti tal-Appell Kriminali[5] irriteniet hekk:

*"Huwa elementari illi r-regolament mahrug mill-poter ezekuttiv bis-sahha tal-ligi li awtorizzat li jaghmel dak ir-regolament ma jistax johrog barra mil-limiti tal-istess ligi, u ma jistax jikkontradici ghal-ligi stess, tant illi lill-Qorti gie dejjem rikonoxxut il-jedd li jezaminaw jekk regolament mahrug bis-sahha ta' ligi hix "intra" jew "ultra vires"*.[6]

19. Sentenza ohra b'fatti speci analogi hija **Il-Pulizija vs Ganni Vassallo** deciza fit-28 ta' Gunju 1952 mill-Qorti tal-Appell Kriminali[7], fejn gie ritenut li meta l-ligi tati s-setgha lil awtorita amministrattiva, f'dak il-kaz il-Gvernatur, li taghmel regolament, din ma tistax tigi interpretata fis-sens *"li tinkludi s-setgha li b'dawk ir-regolamenti tigi newtralizzata l-ligi principali ('enabling law'), billi b'regolament tigi kontemplata vjolazzjoni ga kontemplata fil-ligi u tigi maghmula soggetta ghal piena anqas. Il-vjolazzjonijiet kontemplati fir-regolamenti ghandhom jitqiesu li huma dawk li ma humiex gia 'expressis verbis' kontemplati fl-'enabling law'"*.

---

[3] A fol. 1606 Volum 9 tal-atti.
[4] Ara Dok CG3 a fol. 1613 sa 1622 retro Vol. 9 tal-atti.
[5] *Per* Imhallef William Harding Vol. XXIX-IV-697.
[6] Ara wkoll fl-istess sens **Il-Pulizija vs John Lyons** deciza fit-18 t'Ottubru 1948 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (*per* Imhallef William Harding) Vol. XXX-IV-697).
[7] *Per* Imhallef William Harding Vol. XXXXVI-IV-787.

20. Ghalkemm f'dawn is-sentenzi, l-att amministrattiv in kwistjoni kien regolament, ossia ligi sussidjarja, din il-Qorti m'ghandhix l-icken dubbju li l-istess insenjament ghandu japplika meta l-att amministrattiv in kwistjoni tkun licenzja mahruga minn Ministru, bhalma hu l-kaz odjern, fejn il-licenzja tigi mahruga mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha.[8] A bazi ta' dan l-insenjament, ladarba l-Kodici Kriminali, li hija ligi principali, *expressis verbis* jippreskrivi fl-Artikolu 623 li l-isptar Monte Carmeli ghandu jzomm pazjenti forensici fuq ordni tal-Qorti, fil-kazijiet fih preskritti, minflok dawn l-imputati jinzammu l-habs, il-Ministru responsabbli ghas-Sahha, ma setghax b'semplici licenzja, li hija biss att amministrattiv, jnehhi dan l-obbligu minn fuq l-isptar, u jghaddih *in parte* lil haddiehor[9] – u cioe lit-Taqsima Forensika. Dan apparti l-fatt li kif se jigi spjegat iktar l-isfel, it-tnehhija tal-pazjenti forensici mil-licenzja tal-Isptar Monte Carmeli tmur ukoll kontra d-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Sahha Mentali, Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa irrilevanti f'dan il-kuntest jekk il-livell ta' kura ta' sahha mentali fl-isptar Monte Carmeli u fit-Taqsima Forensika huwiex l-istess jew le. Anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss jigi accettat, li l-livell ta' kura bejn iz-zewg istituzzjonijiet huwa ugwali, jibqa' l-fatt li l-Ministru responsabbli ghas-Sahha ma setghax b'att amministrattiv jinnewtralizza d-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, u kif ser jinghad aktar l-isfel tal-Att dwar is-Sahha Mentali – it-tnejn li huma, ligijiet principali.

21. Konsegwentement, ladarba t-tnehhija mill-Ministru tal-obbligu tal-isptar Monte Carmeli li jikkura pazjenti forensici mhix konformi mad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali, it-tnehhija ta' dak l-obbligu hija *pro tanto ultra vires*, u konsegwentement nulla u bla effett.

22. L-argument tal-Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli, li *"m'ghandhix sorveljanza ta' pazjenti forensici"* hija legalment insostenibbli. Ladarba l-Kodici Kriminali jghabbi lill-Isptar Monte Carmeli bir-responsabbilita li zzomm pazjenti forensici, huwa d-dover tal-Kap Ezekuttiv tal-istess isptar, kif ukoll tal-awtoritajiet tas-sahha kompetenti u cioe l-Ministru responsabbli ghas-Sahha u s-Supretendent tas-Sahha, li mhux biss jassiguraw li l-Isptar Monte Carmeli jkollu l-licenzji kollha necessarji ghall-finijiet tal-Att dwar is-Sahha Mentali, izda wkoll li jkun attrezzat bir-rizorsi umani necessarji sabiex izomm

[8] Taht l-Artikolu 98 tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Fix-xhieda taghha, il-Prof Charmaine Gauci qalet l-Ministru jista' jiddelega din is-setgha li jiffirma l-licenzja lis-Supretendent tas-Sahha taht l-Att dwar is-Sahha (Kapitolu 528) (ara fol. 1562 Vol. 8 tal-process), izda l-Qorti ma setghetx issib din id-disposizzjoni tal-ligi.
[9] Qed jinghad *in parte*, ghax it-Taqsima Forensika giet moghtija licenzjat bhala facilita ghas-sahha mentali biss fir-rigward ta' prigunieri irgiel, u mhux ukoll fir-rigward ta' prigunieri nisa.

pazjenti forensici in konformita mal-Kodici Kriminali. Il-Qorti tghid biss li l-Kap Ezekuttiv ma tistax tezimi ruhha minn din ir-responsabbilita, billi sempliciment tonqos li tattrezza lill-isptar bl-affarijiet kollha mehtiega – inkluz il-licenzji necessarji u l-ufficjali ghas-sorveljanza – biex l-isptar ikun f'posizzjoni li jilqa' ghandu pazjenti forensici, kif inhu preskritt li jaghmel skond il-Kodici. Il-Qorti ma jidhrilix li jkun opportun li tikkummenta iktar fir-rigward.

23. Il-Qorti tista' tieqaf hawn. Pero hija thoss fid-dover taghha li tikkummenta wkoll u *ex abbundantia* fuq is-sottomissjoni tal-Avukat Generali li l-Artikolu 37 tal-Att dwar is-Sahha Mentali juza l-frazi *"facilita licenzjata"* ghad-detenzjoni ta' persuni li jkunu gew dikjarati fi stat ta' genn fil-waqt tar-reat jew fil-waqt tal-proceduri kriminali kontrihom. Huwa jissottometti li fil-fatt hija l-*Forensic Ward* fl-Isptar Monte Carmeli hija din il-*"facilita licenzjata"* imsemmija fl-Artikolu 37.

24. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-Iskeda formanti parti mill-Legislazzjoni Sussidjarja 260.02 tghid bl-iktar mod esplicitu illi l-*Forensic Ward* fl-Isptar Monte Carmeli huwa habs ghall-finijiet tal-Att dwar il-Habs (Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta). Konsegwentement, il-*Forensic Ward* taqa' fil-kompetenza esklussiva tad-Direttur tal-Habs, u l-ligi thalli fid-diskrezzjoni esklussiva tieghu li jiddeciedi liema prigunieri ghandhom jinzammu f'din il-*Ward.* Fil-fatt ir-Regolament 3 tal-Ligi Sussidjarja 260.03 jirregola l-allokazzjoni, klassifikazzjoni u s-separazzjonijiet tal-prigunieri. Ir-Regolamenti 31 u 32 ta' din il-Ligi Sussidjarja jippreskrivu li ghandu jkun hemm fil-habs servizz idoneu u xieraq ghal kura medika mhux biss fizika izda wkoll dik mentali tal-prigunieri. Imbaghad ir-Regolament 90(1) tal-istess Ligi Sussidjarja jippreskrivi illi *"(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni ġenerali tal-ħabs … …"* Ir-Regolament 90(4) jippreskrivi illi *"Id-Direttur għandu jagħmel attenzjoni stretta biex jiżgura li dawn ir-regolamenti u kull direttiva jew ordni mogħtija taħthom, kif ukoll kull ordni li jkollha x'taqsam mal-ħabs, jiġu osservati u infurzati."*

25. Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi Sussidjarja 260.03 biss diga huwa car li l-ligi thalli fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Habs fejn huwa jalloka l-prigunieri mibghuta l-habs fuq ordni tal-Qorti, u Qorti ma tistghax tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik

tad-Direttur u tordnalu f'liema taqsima tal-habs ghandu jzomm prigunier partikolari, *ergo* lanqas tista' tordna lid-Direttur biex izomm prigunier fit-Taqsima Forensika.

26. Huwa vera li mis-sena 2019, it-Taqsima Forensika inghatatilha licenzja ta' facilita ghal servizzi mentali. Pero kif diga inghad, id-Direttur tal-Habs huwa obbligat bil-ligi li jipprovdi servizz mediku ghas-sahha mentali lil prigunieri. Ghal precizazzjoni jrid jinghad li l-Legislazzjoni Sussidjara 260.02 tirreferi ghal *"Forensic Ward fl-Isptar Monte Carmeli"* u mhux ghal *"Forensic Unit (Male Section) Sptar Monte Carmeli"*, pero huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-*Forensic Ward* u l-*Forensic Unit* huma l-istess post.

27. Fit-tieni lok, kif jidher mill-isem stess, u ghal xi raguni li din il-Qorti ma tistax tifhem, din il-licenzja inghatat biex fit-Taqsima Forensika jinzammu biss prigunieri irgiel. Fil-fatt il-licenzja tohrog fuq *"Forensic Unit (Male Section)"*.[10] Fix-xhieda taghha s-Supretendent tas-Sahha, Prof. Charmaine Gauci xehdet li ghad trid tohrog licenzja biex prigunieri nisa jinzammu fit-Taqsima Forensika, u li m'ghandhix informazzjoni fejn jinzammu prigunieri nisa li jkollhom mard mentali li jinnecessita kura psikjatrika.[11] Ghalhekk m'hemmx dubbju li jekk prigunieri nisa ikollhom bzonn jigu rikoverati go facilita ghas-sahha mentali, dawn bil-fors jridu jigu rikoverati fl-isptar Monte Carmeli, ghax ma jistghux jinzammu fit-Taqsima Forensika.

28. Fit-tielet lok, l-Artikolu 38 tal-Att dwar is-Sahha Mentali jippreskrivi hekk:

*"(1) Persuna li tkun qiegħda l-ħabs għal kwalunkwe raġuni, u li tiżviluppa diżordni mentali waqt li tkun qiegħda l-ħabs u li ma tistax tingħata kura adegwata fil-ħabs, għandha tiġi trasferita ġewwa faċilità liċenzjata għal pazjenti forensiċi bl-approvazzjoni tal-persuna responsabbli għall-immaniġġar ta' dak il-ħabs."*

29. Dan l-Artikolu 38 isib ukoll r-rifless tieghu fir-Regolament 31(6) tal-Ligi Sussidjarja 260.03 li jippreskrivi hekk:

*"Priġunieri morda li, fil-fehma tat-tabib inkarigat, ikunu jeħtieġu kura barra mill-ħabs għandhom jiġu trasferiti għal istituzzjoni speċjalizzata jew għal sptar ġenerali, skond kif*

[10] Ara Dok CG4 a fol. 1623-1636 Vol. 9 tal-atti.
[11] Ara fol. 1608 Vol. 9, fol. 1565-1567 Vol. 8 tal-atti.

*ikun jirrikjedi l-każ, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li jkollha x'taqsam mas-saħħa mentali u mad-dħul f'istituzzjoni mentali.*

30. Kif diga inghad, it-Taqsima Forensika tifforma parti mill-habs, ghall-finijiet tal-Kapitolu 260. Ghaldaqstant, l-unika interpretazzjoni logika ta' dan l-Artikolu 38 tal-Att dwar is-Sahha Mentali u r-Regolament 31(6) tal-Ligi Sussidjarja 260.03 hija li dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi, il-legislatur kien qed jesigi li apparti t-Taqsima Forensika, li tifforma parti mill-habs, ikun hemm facilita ohra wkoll licenzjata ghal pazjenti forensici li jkollhom problema ta' mard mentali, fejn il-kura taghhom fil-habs ma' tkunx wahda adegwata. Ghal din ir-raguni wkoll, il-Ministru responsabbli ghas-sahha ma setghax legalment inehhi l-kundizzjoni li jinzammu pazjenti forensici fl-isptar Monte Carmeli, stante li t-tnehhija ta' din il-kundizzjoni qed tistultifika dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-ligi wkoll.

31. Ghalkemm kif diga inghad, l-Artikolu 36 tal-Att dwar is-Sahha Mentali m'hux applikabbli fil-kaz odjern, pero huwa rilevanti li jittiehed in konsiderazzjoni sabiex tinghata interpretazzjoni korretta lill-istess Att. Dan l-Artikolu 36 jippreskrivi li f'certi kazijiet, il-Qorti tista' *"tordna li l-akkużat jiddaħħal ġewwa faċilità liċenzjata għal pazjenti forensiċi għal osservazzjoni".* F'tali eventwalita *"il-perjodu ta' detenzjoni tal-akkużat għandu jiġi regolat mill-qorti li tkun ħarġet l-ordni, u dik l-ordni tkun awtorità biżżejjed għad-detenzjoni tal-akkużat fil-faċilità liċenzjata għall-perjodu permess mill-qorti".* In oltre, din l-ordni *"għandha tkun riveduta mill-qorti f'intervalli ta' mhux aktar minn tliet xhur kull wieħed".*[12] Dan l-Artikolu 36 ukoll juri bl-iktar mod car, li l-legislatur kellu f'mohhu li tali akkuzat jinzamm go istituzzjoni differenti mill-habs, ghax kif diga inghad Qorti ma ghandha l-ebda setgha bil-ligi tordna li akkuzat jinzamm fit-Taqsima Forensika, ghax il-ligi thalli fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Habs f'liema taqsima tal-habs ghandu jpoggi prigunier.

32. Mill-konsiderazzjonijiet fuq esposti, m'hemmx dubbju li s-sottomissjoni tal-Avukat Generali li t-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Carmeli hija din il-*"facilita licenzjata"* imsemmija fl-Artikolu 37, u mhux l-Isptar Monte Carmeli innifsu, hija legalment infondata.

[12] Artikolu 37(2) tal-Att dwar is-Sahha Mentali.

33. Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet legali, il-Qorti se taghmel ukoll riferenza ghal numru ta' fatti li irrizultaw mill-provi migbura ghall-fini ta' dan ir-rikors, li kollha jippuntaw b'mod univoku li r-raguni vera ghalfejn Dr Stephanie Xuereb, il-Kap Ezekuttiv tal-isptar Monte Carmeli talbet li l-imputat jigi trasferit mill-Isptar Monte Carmeli ghat-Taqsima Forensika ma kinietx ghaliex l-isptar mhux licenzjat biex izomm pazjenti forensici.

34. Il-Qorti tibda biex tosserva li d-digriet taghha sabiex l-imputat jinzamm fl-isptar Monte Carmeli inghata fit-3 ta' Gunju 2022, u l-Kap Ezekuttiv intavolat ir-rikors taghha biex l-imputat jigi trasferit fit-Taqsima Forensika fit-3 ta' Awwissu 2022 – u cioe xaharejn ezatt wara d-digriet ta' din il-Qorti. Ghalhekk fil-bidu jidher li l-Kap Ezekuttiv ma kellhix problema li l-imputat jinghata kura fl-isptar Monte Carmeli, ghaliex li kieku hija kienet taghmel dan ir-rikors immedjatament malli l-imputat gie trasferit mill-habs ghall-isptar Monte Carmeli.

35. Fil-fatt fix-xhieda taghha, Dr Stephanie Xuereb qalet li ilha tlett (3) snin Kap Ezekuttiv tal-Isptar Monte Carmeli[13] u dan huwa l-unika kaz fejn talbet li pazjent forensiku jigi trasferit mill-Isptar Monte Carmeli ghat-Taqsima Forensika.[14] Dan ifisser ovvjament li l-isptar jikkura pazjenti forensici, ghax likieku ma kienx hekk, kull darba li xi Qorti tordna li imputat jinzamm fl-isptar Monte Carmeli, il-Kap Ezekuttiv kien ikollha taghmel rikors biex jigi trasferit fit-Taqsima Forensika. Fil-fatt matul il-kontro-ezami taghha, Dr Xuereb qatt ma innegat l-allegazzjoni tad-difiza li fl-isptar Monte Carmeli kienu qed jigu rikoverati pazjenti forensici, u ripetutament qalet li l-isptar dejjem jirrispetta d-decizjoni tal-Qorti fir-rigward.[15]

36. Nonostante l-fatt li skond ix-xhieda taghha stess, dan huwa l-uniku kaz fejn Dr Stephanie Xuereb bhala il-Kap Ezekuttiv talbet li imputat jigi trasferit mill-isptar Monte Carmeli ghat-Taqsima Forensika, fix-xhieda taghha kienet vaga ghall-ahhar meta giet mistoqsija min iddecieda li l-imputat jitnehha mill-isptar, u l-ewwel qalet li mhux hi hadet id-decizjoni[16], imbaghad meta l-Qorti gibditilha l-attenzjoni li r-rikors sar f'isimha bhala Kap Ezekuttiv, qalet li ma tiftakarx ma' min kienet iddiskutiet il-kwistjoni tal-imputat.[17] Hija qalet biss li bl-imgieba tieghu l-imputat kien qed jikkrea certi problemi kemm mal-

[13] Ara fol. 1581 Vol. 8 tal-atti.
[14] Ara fol. 1586 Vol. 8 tal-atti.
[15] Ara per ezempju fol. 1596 Vol. 8 tal-atti.
[16] Ara fol. 1583 Vol. 8 tal-atti.
[17] Ara fol. 1595 Vol. 9 tal-atti.

istaff mediku kif ukoll ma' pazjenti ohra. Pero il-Qorti kienet tkun sorpriza li kieku l-imputat li gie certifikat li ghadu mignun minn tlett psikjatri ma jkollux komportament erratiku, mhux li jkollu komportament erratiku. L-isptar Monte Carmeli jezisti precizament biex jaghti kura lil pazjenti inkluz imputati, bhal dak odjern, li jsofru minn mard mentali. Jekk pazjent minkejja l-kura li tinghatalu jibqa' jkun problematiku, ma jfissirx li l-pazjent huwa l-problema, imma li l-kura li qed tinghatalu hija l-problema, ghax ovvjament mhix il-kura adegwata ghalih.

37. Kif inghad dawn il-fatti kollha jindikaw li l-vera raguni ghalfejn il-Kap Ezekuttiv talbet li l-imputat odjern jigi trasferit mill-isptar Monte Carmeli ghat-Taqsima Forensika ma kinietx ghax l-isptar m'ghandhux licenzjat biex jikkura pazjenti forensici. Pero kienet x'kienet din ir-raguni huwa irrelevanti, ghaliex ghar-ragunijiet fuq spjegati, l-unika post fejn l-imputat jista' legalment jinzamm huwa l-isptar Monte Carmeli.

38. Rigward l-argument tal-Avukat Generali li l-isptar Monte Carmeli fil-prezent m'ghandux licenzjat sabiex jikkura pazjenti forensici, tirribadixxi li huwa d-dover tal-amministrazzjoni tal-isptar Monte Carmeli li tassigura ruhha li jkollha l-licenzji kollha necessarji sabiex tikkura pazjenti forensici, stante li dan id-dover huwa impost fuq l-isptar bil-Kodici Kriminali. In oltre irrizulta mill-provi li anke fil-prezent, l-isptar *de facto* qieghed jikkura pazjenti forensici.

39. Il-Qorti izzid biss li ghandha d-dubji serji taghha kemm l-isptar Monte Carmeli ghandu bzonn licenzja mahruga mill-Ministru tas-Sahha sabiex joffri s-servizzi tieghu. L-isptar Monte Carmeli huwa sptar pubbliku amministrat mill-Gvern. Kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti, il-licenzja sabiex jopera bhala facilita ghas-sahha mentali qieghda tigi mahruga mill-Ministru tas-Sahha, jew mis-Supretendent tas-Sahha ghan-nom tal-istess Ministru bis-sahha tal-Artikolu 98 tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa l-*marginal note* ta' dan l-Artikolu 98 jitkellem fuq *"sptarijiet privati ecc"* – nota li tindika li din id-disposizzjoni tal-ligi hija intiza sabiex jigu licenzjati sptarijiet privati u mhux sptarijiet pubblici.

40. Dan jaghmel ukoll sens legali u logiku, ghax kif huwa risaput il-Gvern ghandu personalita unitarja u d-diversi dipartimenti jew awtoritajiet li jaqdu funzjoni pubblika u mahluqa in forza ta' xi ligi, huma semplicement manifestazzjonijiet differenti tal-istess awtorita unika li huwa il-Gvern. Dawn huma mahluqa sabiex jaqdu l-funzjonijiet

separati ta' dak l-istess awtorita jew enti guridiku. Din l-unitarjeta tal-Gvern hija rifless anke tal-posizzjoni Kostituzzjonali li trid li l-pajjiz hu gvernat minn Gvern unitarju. Ghalhekk jekk Ministru jaghti licenzja lil Kap Ezekuttiv ta' sptar pubbliku, u fil-futur ikun hemm nuqqas ta' qbil bejniethom fuq per ezempju jekk il-kundizzjonijiet tal-licenzja humiex qed jigu osservati jew le, dan id-disgwid ma jistghax jigi risolut il-Qorti, ghax huwa legalment inkoncepibbli li awtorita wahda tal-Gvern tistitwixxi azzjonijiet civili jew kriminali kontra awtorita ohra tal-Gvern, ghax iz-zewg awtoritajiet jifformaw parti mill-istess personalita guridika,u m'ghandhomx personalita guridika separata. Dan il-principju gie wkoll rikonoxxut fis-sentenza **Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali vs Direttur tar-Registru Pubbliku et** deciza fit-13 ta' Jannar 1991 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.[18]

41. Ghal din ir-raguni ukoll, l-argument li l-Isptar Monte Carmeli mhux licenzjat sabiex jikkura pazjenti forensici ma jreggix.

**Konkluzjoni**

42. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, il-Qorti qed tilqa' t-talba tal-imputat fir-rikors tieghu tal-15 ta' Marzu 2023, u fil-waqt li, ghal kull buon fini, tikkonferma fit-totalita tieghu d-digriet taghha tat-3 ta' Gunju 2022, tordna li l-imputat jintbaghat lura biex jinzamm taht kustodja fl-isptar Monte Carmeli ai termini tal-Artikoli 402(4) u 623 tal-Kodici Kriminali, biex hemmhekk jibqa' taht kustodja u mizmum skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar is-Sahha Mentali (Kapitolu 525 tal-Ligijiet ta' Malta) jew kull disposizzjoni ohra tal-ligi jew legislazzjoni applikabbli ghall-kaz, u dawk id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ghall-imputat skont dan.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[18] *Per* Imhallef Alberto Magri.